**438. Il-Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol l-Onor. Evarist Bartolo MP, jipproponi:**

Billi hija l-politika tal-Gvern li jippromwovi l-isport, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta bi ħsiebu jagħti proprjetà lil Club b'titlu ta' ċens temporanju, il-proprjetà kif inhi deskritta aħjar fi-abbozz ta' ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra għaż-żmien, biċ-ċens, u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozzi;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (d) tas-sub-artikolu (l) tal-artikolu 3 tal-Kapitolu 268 Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern, li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferimenti fuq imsemmija jsiru skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

kif deskritti aħjar fl-abbozz tal-ftehim li jinsab fuq il-Mejda tal-Kamra jiġi mogħti b'titlu ta' ċens temporanju lill-Club imsemmi għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

18.01.17